MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' April, 2004

Rikors Numru. 732/1997/1

Carmel Seracino
vs
Kmandant Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet li kien haqqu.

Il-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa dahal fl-Armata ta' Malta fl-1966 bhala Gunner, wara li kien spicca minn tliet snin mar-Royal Malta Artillery. Dak iz-zmien, huwa diga kellu certifikati tas-Second Class Education Class III Clerk u Class II Driver li kienu jghoddu ghall-promozzjoni ta' Surgent.

Fl-1989, meta kellu r-rank ta’ Staff Sergeant, kienu hargu promozzjonijiet, izda huwa nqabez minn ohrajn li ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, esperjenza u seniority daqsu. Meta ghamel complaint dwar dan lill-Kmandant, il-complaint tieghu qatt ma giet ittrattat u dan kontra r-regolamenti militari.

Ghall-habta ta’ Ottubru 1991 ir-Regimental Sergeant Major kien qieghed jiddiskrimina kontra tieghu rigward procedura ta’ duties, dan wara li huwa kien skuzat mit-tabib ta’ l-Armata milli jaghmel id-duty ta’ bil-lejl. Dwar dan il-fatt, huwa ghamel complaint kontra l-R.S.M. lill-Kmandant imma l-complaint tieghu qatt ma tressaq quddiem il-Kmandant. Minhabba dan l-agir kontra tieghu, waqa’ f’depression u kellu johrog fuq sick leave. Wara perjodu bis-sick leave, il-kundizzjoni tieghu kienet qed titjieb u kien se jerga’ jidhol lura ghax-xoghol.

F’ Jannar 1992 ghal darba ohra regghu hargu l-promozzjonijiet u rega’ nqabez minn ohrajn li kienu Juniors tieghu u ma kellhomx kwalifikazzjonijiet, seniority u esperjenza daqsu.

Minhabba dan l-agir kontra tieghu, il-kundizzjoni medika tieghu marret ghal-aghar u wara sitt xhur ma jmurx ghax-xoghol, gie boarded out. Ara dok A sa Z/7.

Li kieku huwa ma nqabizx f’dawn il-promozzjonijiet, il-complaints tieghu gew ittrattati u ma giex boarded out, billi huwa ghandu il-kwalifikazzjonijiet edukattivi necessarji, kieku l-lum qieghed jokkupa r-rank ta’ Commissioned Officer.

Ghaldaqstant hsss li huwa gie imtellef l-opportunita` li javvanza fil-karriera tieghu ingustament u b’hekk sofra danni morali u finanazjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjonijiet kollha li juwa gie mtellef, u li jigi kkumpensat ghal dak li tilef ingustament, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa kellu xi jghid is-segwenti:

Illi r-rikors huwa inammessibbli fit-termini ta' l-artikolu 6(2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, Kaz Numru 3765 u Kaz Numru 4405.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress li r-rikorrent, kif iddikjara hu stess f'dokument Numru N mehmuz mar-rikors tieghu, naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi oltre n-notifikazzjoni minghand il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji dwar id-decizjoni ta' l-istess Kummissjoni fuq l-ilmenti mressqa quddiema mir-rikorrent it-talbiet tar-rikorrent rigward id-decizjoni tal-Kummissjoni kienu gew ittrattati fit-tul mill-Ufficcju tal-Prim Ministru li minn naha tieghu kien kompla jsostni li d-decizjoni li ttiehdet mill-Kummissjoni cioe` dik li l-ilmenti tar-rikorrent ma kienux gustifikati.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandat tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u , stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll
abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe`, l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok, it-Tribunal ghandu jidiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu, u subbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent xehed li kellu kaz li gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fl-1989, izda l-kaz li kellu fl-1992 ma kienx gie investigat, u fil-fatt esebixxa dokumenti a fol 66 u 67 in sostenn ta' dan.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn qal li lahaq fil-grad ta' Staff Sergeant f'Marzu 1983 u meta lahaq kellu l-kwalifiki kollha necessarji. Fosthom kellu wkoll zewg suggetti fil-First Class Education li kienu l-Ingliz u l-Matematika, u fl-1990 kien ipprezentat bic-certifikat tal-First Class Education. Semma wkoll, li f'Jannar 1992 hargu promozzjonijiet ghal Warrant Officer Class I u ghal Warrant Officer Class II u qal li gie maqbuz. Hu esebixxa lista a fol 94 ta' dawk l-iStaff Sergeants qabel hargu dawn

il-promozzjonijiet, u qal li jidher li lahqu nies li ma kellhomx certifikat tal-First Class Education, fejn kien hemm persuna li sahansitra rtira mill-course u xorta ha l-promozzjoni. Spjega li minn 0308 Staff Sergeant Mifsud 'l isfel, kollha huma juniors tieghu. Zied ighid li fost dawk li lahqu Warrant Officers Class II, kien hemm Staff Sergeant 0899 Mifsud, persuna li kien intbaghat minfloku wara li kien hareg bis-sick-leave. Spjega li hu kien fil-kariga ta' Chief Clerk fil-Finance Office tal-Forzi Armati ta' Malta ghal xi tmien snin, u kull min kien qablu f'din il-kariga kien Warrant Officer Class I jew II. Qal li hu dejjem mexxa b'efficjenza u b'abbilta` ghal snin shah minghajr ma gie mahtur Finance Officer. Zied ighid li anke c-Chief Clerk tal-Head Quarters Armed Forces of Malta, 6012 Staff Sergeant Camilleri li kien Junior tieghu, ukoll sar Warrant Officer Class II. Hu sostna li saret ingustizzja mieghu, minhabba li hu ma kienx tal-istess twemmin politiku ta' dawk li kienu jiltaqghu go l-ufficcju tal-Warrant Officer Gorg Fabri.

In kontro-ezami qal li bejn Novembru tal-1991 sakemm gie boarded out kien qieghed bis-sick leave.

Xehed <u>Lt. Col. Mario Schembri</u> li esebixxa a fol 105 lista tal-promozzjonijiet li hargu b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 mir-rank ta' Staff Sergeant ghal Warrant Officer 2. Qal li minn din l-iskeda jidher li r-rikorrent gie maqbuz minn Staff Sergeant Camilleri Carmel li wkoll kien fl-Armed Forces of Malta Depot bhar-rikorrent, bl-istess grad ta' edukazzjoni, grade I, u bi trade ta' Driver B3 u flok B2 bhar-rikorrent, u cioe` grad inqas minn tar-rikorrent. Camilleri kellu ukoll inqas seniority mir-rikorrent. Semma li mill-file tar-rikorrent m' hemm xejn negattiv fir-rigward li m'ghandux jiehu l-promozzjoni. Qal li lir-rikorrent jafu sewwa u jafu bhala tajjeb fuq xogholu.

Xehed il-<u>Brigadier Claude Gaffiero</u> li qal li d-definizzjoni ta' guard duty hu persuna fil-Forzi Armati li tigi dettaljata biex taghmel ghassa f' hinijiet li huma barra r-rutina normali taghha u ma tfissirx sentinella. Spjega li d-duties imnizzlin a fol 12, 13 u 14 huma 'duties' maqsumin fi tnejn; l-ewwel huma duties tad-duty officer fil-guard command tal-

barracks fl-Armed Forces of Malta, u d-duty ammiral, id-duty tal-warrant officer in charge mill-ufficjali u mis-security, u t-tieni huma dawk li jaghmlu ghassa mal-barracks, is-sentinelli. Spjega wkoll li ‘guard duties’ hu terminu wiesgha li tahtu jinkorpora certa doveri, u ghalhekk qal li dan ghandu jigi interpretat b’mod espansiv.

Xehed il-Brigadier Rupert Montanaro li qal fil-promozzjonijiet tal-1992 ir-rikorrent gie maqbuz biss direttament minn wiehed u cioe` minn 6012 Staff Sergeant Carmel Camilleri. Spjega li dak iz-zmien kien gie mitlub mill-Brigadier Calleja biex isiru r-rakkomandazzjonijiet ghall-promozzjonijiet f’kull rank u qal li ghal Warrant Officer 2 kellu erba’ vakanzi. L-ewwel m’ ghamel elimina lil dawk li ma jistghux jigu rakkomandati. Ir-rikorrent kien diga ilu xahar fuq sick-leave, minhabba depressjoni relatata mas-servizz tieghu fl-Armata, u sahansitra kien sar medical bord li kien irrakomanda li r-rikorrent jibqa’ ghaddej bis-sick leave. Spjega li hu ma setax jirrikmanda dik il-persuna ghal Warrant Officer 2, cioe` Surgent Maggur fl-Armata, peress li kellha xi ezenzjonijiet minn certu doveri minn qabel u kien fuq ‘continuous sick-leave’. Qal li hu qatt ma cahad certifikat tat-tabib li ighid li persuna ghandu jkun ezentat minn ‘night duties’. Semma wkoll li kien hemm perjodu fejn min kien skuzat minn ‘night duties’, ried jidhol ix-xoghol is-Sibt u din kienet tapplika ghal kulhadd. Zied ighid li l-kuncett, hu li peress li persuna hu soggett ghal gimgha ta’ 47 hours, u jekk ma taghmilx in-‘night duties’ ma ttellax il-47 siegha u ghaldaqstant trid tidhol certa ammont ta’ sieghat biex tlahhaq dawn il-47 siegha. Hu kkonferma li f’Jannar 1992 talab li r-rikorrent jigi sottomess ghal medical bord, u l-bord kien iddecieda li r-rikorrent ikompli bis-sick ghal xahrejn ohra. Qal li ghandu kopja tad-decizjoni tal-bord tat-13 ta’ Jannar 1992 li bl-izjed mod car iddikjara lir-rikorrent ‘unfit for military duties’, temporanjament, u dan biex jigi rivedut wara xahrejn, u l-bord jerga’ jarah wara xahrejn. Hu qal fir-rigward tar-rikorrent li hu kien eliminat mill-bidu peress li kien ‘unfit’, u peress li gie misjub hekk mill-bord mediku, ma setax jigi ezaminat u komparat fir-rigward tal-kwalifiki u training mal-ohrajn. Fir-rigward ta’ 1079 Sergeant Mifsud qal li kien senior tar-rikorrent u ha l-

promozzjoni fl-1992 u kellu l-kwalifiki ta’ education class 1 u trade class 1 ukoll. Fir-rigward ta’ Fredu Borg, Falzon u Steer qal li dawn kienu kollha Warrant Officers. Hu esebixxa dokument a fol 129 li hi lista tal-promozzjonijiet tal-1992 minn Staff Sergeant ghal Warrant Officer II.

Fir-rigward tar-rekwiziti ghall-promozzjonijiet tal-1992 qal li r-rikorrent ghat-trade u education kellu r-rekwiziti zgur. Meta gie riferut ghal certifikati medici qal li hu m’ ghandux il-kompetenza li jinterpreta certifikati medici. Qal li hu ha d-decizjoni li ghamel fir-rigward tal-promozzjonijiet tal-1992 bir-responsabbilta` tieghu fis-servizz lejn l-Armata u lejn il-Gvern. Semma li b’effett minn Lulju 1991 ir-rikorrent gie ezentat min-‘night duties’. Qal li t-tabib jiddeciedi x’ tista’ taghmel il-persuna jew le. Gie referut ghall-kaz ta’ Gigi Borg li kellu incident meta ttiehdulu l-armi waqt li kien go bar, u li gie rakkomandat ghall-promozzjoni tal-1992. Qal li kien kaz kompletament differenti peress li dan il-kaz ma kienx mediku.

Xehed <u>Dr. Robert Galea</u> li kkonferma li kien jara lir-rikorrent ghal viziti medici bazikament mill-1985 sal-1988. Qal li mbaghad kien hemm ukoll Dr. Brincat mal-Armata u kien iktar ghamillu viziti hu. Semma li f’Dicembru 1985, kien l-ewwel darba li r-rikorrent irraporta b’ugiegh u ta d-dettalji l-ohra li jinsabu elenkati minn fol 165 ‘il quddiem u li minhabba fihom kien ezentat milli jaghmel ir-rifle drill, il-parati u l-I.S. training u qal li dawn l-ezenzjonijiet baqghu sakemm spicca mill-Armata. Spjega li suppost, peress li kien jigi ezentat ghal 30 gurnata kull darba, baqa’ jirraporta kull xahar regolarment il-medical centre u kien jerga’ jinghata dawn l-ezenzjonijiet. Qal li f’Lulju 1991 kellu jinqala’ min-‘night duty’ sa hmistax-il gurnata, u kien rega’ rah fil-5 ta’ Awissu u kien ezentah milli jaghmel l-ghasses ghal xahar iehor, u gie ezentat mill-ghasses ghal tlett xhur shah. Zied ighid li f’Novembru 1991, zviluppa stat ta’ ansja u depressjoni. Spjega li l-procedura biex jissejjah medical bord tkun li l-headquarters jitlob li suldat jarah medical bord u jista’ jkun hemm anke rakkomandazzjoni mit-tabib tal-Armata stess li l-individwu ghandu jara medical bord jew le, u mbaghad id-decizjoni tittiehed mill-Headquarters. Hu ikkonferma li l-psikjatra

Dr. Debono f'Novembru 1991 kien iccertifika lir-rikorrent b' erba' gimghat sick leave u qal li f'certifikat iehor f'Jannar 1992, ir-rikorrent ma kienx iccertifikat 'unfit for duty', imma qal li kien f'pozizzjoni li jidhol fil-futur qarib. Semma li dan ic-certifikat, dan tal-ahhar ma giex riferut lill-Kmandant tal-Armata, propju ghax dan ikun certifikat ta' tabib minn barra l-Armata. Spjega, li rrispettivament mic-certifikat tal-psikjatra, il-medical bord kellu jiltaqa'.

Xehed Joseph Abela li kien Treasury Accounting Officer fl-Armata fl-1993 li qal meta mar l-Armata sab bhala Chief Clerk lir-rikorrent u Finance Officer ma kienx hemm ghalhekk ir-rikorrent kien jaghmel xoghol oghla mill-grad tieghu.

Xehed Albert Camilleri li qal li bejn Lulju 1991 u Jannar 1992, kien second in command tal-Armed Forces of Malta Depot, u qal li r-rikorrent kien taht il-kmand tieghu. Hu kkonferma wara li ra d-dokumenti a fol 10 u 12 li dawk li jkunu skuzati fuq 'medical grounds' minn guard duties ghal 14-il gurnata, ma kienux jintalbu biex jahdmu s-Sibtijiet izda kien qed jirreferi ghall-perjodu minn Settembru 1989 sa Lulju 1992. Semma li meta rcieva l-ilment mir-rikorrent ma seta' jaghmel xejn u ghaddiha lill-Kurunell Montanaro. Hu kkonferma li r-Revenue Security Corps kienet wahda mis-sub units tal-Armed Forces of Malta Depot dak iz-zmien. Hu ddeskriva lir-rikorrent fuq ix-xoghol, bhala efficjenti u ubbidjenti, u kien imexxi s-sezzjoni tal-finanzi u qal li dawk li kienu jmexxu din is-sezzjoni qablu kienu Warrant Officers, u hu kien Staff Sergeant, rank inqas.

Spjega li r-Revenue Security Corps li jaqghu taht l-Armed Forces of Malta, izda d-doveri taghhom mhumiex tal-Forzi Armati as such, u fir-rigward tal-R.S.M. Bonnici, qal li kien l-R.S.M., tal-Armed Forces of Malta Depot, pero` n-nies li jigu minn units ohra, biex jahdmu hemm u kienu jaqghu taht id-dixxiplina tieghu. Zied ighid li r-rikorrent kien jaqa' taht Bonnici, peress li r-rikorrent kien fl-Armed Forces of Malta Depot.

Xehed Maurice Calleja li fl-1992 kien Commander tal-Armed Forces of Malta li qal is-senior N.C.O.'s jaghmlu ghasses bhala guard commander mit-Tnejn sal-Hadd, u rigward ir-rikorrent qal li kien il-Finance Office u kien jaghmel 'night duties'. Semma li dak iz-zmien ir-rikorrent kellu xi problemi medici u kien hareg xi zmien bis-sick. Spjega wkoll li r-rikorrent kien guard commander izda ma jafx kienx jaghmel guard duties. Semma wkoll li ma jaf xejn dwar l-ilment li kien hemm mir-rikorrent dwar l-R.S.N. Bonnici. Qal ukoll li persuna biex jilhaq surgent kien ikollu bzonn il-first class education. Zied ighid li jiftakar lir-rikorrent bhala Chief Clerk fis-sezzjoni tal-finanzi u l-grad tieghu kien ta' Staff Sergeant, u hemmhekk kien jaghmel xoghol pjuttost importanti u kellu xoghol li seta' jaghmlu min kellu rank iktar gholi minn tieghu, u li xoghol ta' Finance Officer irid isir minn persuna li jkollu certa livell ta' edukazzjoni.

Xehed Louis Spiteri Lance Bumbardier fl-Armata li qal fl-1992 ma kienx ghadu Lance Bumbardier, u qabel l-1992 kienu jiltaqghu fl-ufficcju ta' George Fabri.

Xehed Dr. Joseph Brincat li qal bejn l-1991 u l-1992 kien tabib tal-Armata, u r-rikorrent kellu xi problemi ta' artrite, u kien tah il-parir li l-ghassa jaghmilha xorta, imma jaghmilha gewwa minflok barra, u kien irreferieh lil Dr. Galea, izda hu kien baqa' minghajr twegiba dwar dan. Spjega li xi zmien wara r-rikorrent kien rega' mar ghandu bhala t-tabib tal-Armata u kien mar b'ansjeta` u depressjoni kbira. Meta gie riferut ghad-dokumenti fol 137, 138, 139, 140 u qal li ma jidhirx li hemm referenza li tghid li r-rikorrent se jerga' jidhol lura ghax-xoghol. Qal jiftakar xi kazijiet li nghataw promozzjoni li kienu bis-sick u nghataw il-promozzjoni. Anzi qal ukoll li jiftakar b'kazijiet fl-Armata, li certi suldati ghaddew medical board, u gew dikjarati 'permanently unfit' ghall-Armata u xorta zammew posthom fl-Armata. Meta gie riferut ghal dokument fol 211 ikkonferma li jidher li 6074 Bumbardier Sant, inghata promozzjoni minn Bumbardier ghal Surgent fit-2 ta' Jannar 1987. Fir-rigward ta' dok 214 Surgent Sant, kien ilu 'sick at home' mit-3 ta' Ottubru 1988, ezatt qabel ma

nghata l-promozzjoni, u minn dokument 215, jidher li Sant deher quddiem medical bord wara li ha l-promozzjoni.

**KONKLUZJONIJIET:**
Ir-rikorrent qieghed jibbaza l-ilment tieghu fuq tliet aspetti u cioe` li: A] sahhet ir-rikorrent marret ghall-aghar u li saret diskriminazzjoni kontra tieghu dwar allokazzjoni ta' duties; B] nuqqas ta' promozzjoni fl-1989; C] nuqqas ta' promozzjoni fl-1992.

A] S***ahhet ir-rikorrent marret ghall-aghar u saret diskriminazzjoni kontra tieghu dwar allokazzjoni ta' duties.*** It-Tribunal diversi drabi ippronunzja ruhu dwar dawn l-aspetti tal-ilment fis-sens li dawn jezorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** - ara f' dan is-sens "Agostino Ebejer vs Mediterranean Oilfield Services Company Limited" deciza fl-14 ta' Settembru, 1999.

B] ***Nuqqas ta' promozzjoni fl-1989.*** Dwar l-ewwel eccezzjoni li r-rikors kien inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 6(2) billi l-ilment diga` gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, Kaz Numru 3765 u Kaz Numru 4405 jinghad li b' decizjoni ta' dan it-Tribunal tal-1 ta' Frar 2001 it-Tribunal laqa' l-eccezzjoni tal-intimat li l-kaz gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u ordna li l-provi jigu limitati ghall-promotion exercise tal-1992.

C] ***Nuqqas ta' promozzjoni fl-1992.*** Dwar l-ewwel eccezzjoni li r-rikors kien inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 6(2) billi l-ilment diga` gie investigat mill-Kummissjoni dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, Kaz Numru 3765 u Kaz Numru 4405 jinghad li b' decizjoni ta' dan it-Tribunal tal-1 ta' Frar 2001 it-Tribunal cahad l-eccezzjoni tal-intimat li l-kaz gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u ordna li l-provi jigu limitati ghall-promotion exercise tal-1992.

L-intimat bhala tieni eccezzjoni eccepixxa li fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress li r-rikorrent, kif

jiddikjara hu stess f'dokument Numru N mehmuz mar-rikors tieghu, naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati; izda din l-eccezzjoni giet irtirata fit-23 ta' Settembru 1999.

Fuq il-mertu jinghad li r-rikorrent ilmenta li ma giex imlahhaq ghal Warrat Officer II fl-1992. It-Tribunal ezamina dettaljatament ix-xhieda moghtija u d-dokumenti esebiti u senjatament l-iskedi ghall-promozzjonijiet moghtija. Jidher car li fil-fatt b' effett ta' dawn il-promozzjonijiet mill-AFM Depot ir-rikorrent gie maqbuz mis-Surgent Carmel Camilleri. Jinghad li t-tnejn kellhom Grade 1 Army Certificate of Education u bhala Trades it-tnejn kellhom Clerk B1 u filwaqt li r-rikorrent kellu Driver B2, Camilleri kellu Driver B3. Hadd minnhom ma ghamel il-Cadre Course. Seracino kien dahal f' April 1966 waqt li Camilleri f' April tal-1971 u l-istess bhala sub-rank Seracino kien lahaq f' Marzu 1983 waqt li Camilleri f' Mejju 1988. Seracino gie definit minn diversi ufficjali bhala bniedem efficjenti u habrieki. Dan kollu jwassal li r-rikorrent donnu kien haqqu li jinghata l-promozzjoni.

L-Armata ssostni li tali promozzjoni ma kenitx gustifikata minhabba c-cirkostanzi partikolari tar-rikorrent u cioe` dawk ta' natura medika fejn ir-rikorrent kien ilu jbati minn diversi affarijiet mill-1985 u dan kif elenkati fil-kors tax-xhieda specjalment ta' Dr. Robert Galea, Dr. Joseph Brincat u l-Brigadier Montanaro. Irrizulta wkoll li meta l-Brigadier Montanaro kien fl-istadju li jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu dwar il-promozzjonijiet li kienu waslu r-rikorrent kien jinsab bis-sick leave u irrizulta li r-rikorrent baqa' bl-istess sick leave. Il-Brigadier Montanaro qal li kien hass li minhabba f' hekk ma setax jirrikmanda lir-rikorrent u bil-fors kellu jmur fuq ta' warajh, kif fil-fatt ghamel. Issa t-Tribunal ma jhossx li huwa fil-pozizzjoni li jiccensura tali azzjoni ghax certament ma saritx ingustizzja mieghu meta ma nghatax il-promozzjoni minhabba r-raguni moghtija mill-Armata u f' dan is-sens jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Izda t-Tribunal ihoss li jkollu jinnota li jirrizulta li r-rikorrent kien qieghed jaghmel xoghol superjuri ghar-rank tieghu u

li kawza tan-nuqqas ta’ promozzjoni dan baqa’ ma rcieva ebda remunerazzjoni ghal dan il-fatt. It-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta’ Gunju, 2000 qal:

“Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita` jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu. Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi. Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz.”

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta’ Novembru 2000 it-Tribunal qal:

“Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni.”

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta’ Dicembru, 2000.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal ihoss li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens finanzjarju. Peress li ghalhekk isib li hu gustifikat li r-rikorrent jinghata kumpens finanzjarju, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta’ kumpens ta’ elf lira [LM1000].

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------